# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D. – AGENT PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETI B.A., LL.D. A.R. HIST.S.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 997/86NA**

**Bernardina Riolo u b'digriet tas-17 ta' Novembru, 1989, Spirdiona, Carmena, Maria Stella ahwa Riolo u Josephine nee' Riolo armla ta' Carmelo Spiteri assumew l-atti minflok Bernardina Riolo li mietet fil-mori tal-kawza.**

**vs**

**Joseph Cassar, Lorenza mart Edward sive Emanuel Muscat, Emilia mart Carmelo Giuliano, Carmelo Giuliano bhala mandatarju tal-assenti Marianne sive Marian Mizzi, Miriam sive Maria mart Lorenzo Mizzi, Irene armla ta' Carmelo Cassar , u l-istess Irene Cassar bhala rapprezentanta legali tal-minuri Sharon Cassar u Charles Cassar.**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1998 liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Din il-kawza li giet proposta fil-21 ta' Novembru, 1986 hija immirata biex jigi dikjarat null u bla effett testment maghmul fit-3 ta' Novembru, 1983 fl-Atti tan-Nutar Dr. Maurice Gambin.

L-allegazzjoni hija li fuq dan it-testment dehru bhala testaturi John Cassar u persuna ohra, Martha Galea, li ddikjarat li kienet mart John Cassar, Maria Cassar.

Huwa allegat illi Maria Cassar kienet pupletika u ma tohrogx mid-dar. Il-firma fuq it-testment ma kienitx taghha u lanqas in-numru tal-karta ta' identita ma taqbel ma' dik ta' Maria Cassar. Maria Cassar ma ghamlet testment.

B'konsegwenza tat-testment fuq citat, John Cassar wiret lil martu Maria Cassar u sussegwentement wirtuh il-konvenuti. L-attrici hija oht Maria Cassar u ghalhekk kemm talba sussidjarja biex l-attrici tigi dikjarata eredi tal-mejta Maria Cassar fil-kwota lilha dovut skond il-ligi peress illi John u Maria Cassar la kellhom dixxendenti u lanqas axxendenti.

Fl-eccezzjonijiet li taw il-konvenuti fl-24 ta' Marzu, 1987 isostnu li bla dubju Maria Cassar ghamlet it-testment in kwistjoni li kien, ghalhekk, validu skond il-ligi.

Fl-4 ta' Dicembru, 1987 gie nominat Dr. Albert Libreri bhala perit legali. Dan id-digriet pero' gie revokat 'contrario imperio' fil-5 ta' Dicembru, 1988.

Fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 1989 xehdu quddiem il-Qorti PC84 Carmelo Pace, Dr. Joseph Cassar, Carmela Riolo (bint l-attrici) u n-Nutar Maurice Gambin. Invece, fis-seduta tad-9 ta' Gunju, 1989 regghet xehdet Carmela Riolo kif ukoll hutha Stella u Spiridione Riolo u Josephine Agius, neputija ta' John Cassar.

F'din is-seduta, l-Qorti nnominat lill-Assistant Gjudizzjarju Dr. Paul Micallef biex ikompli jigbor il-provi.

Inghataw diversi differimenti fejn deher li l-Assistent Gjudizzjarju kien qed ikollu diffikolta' jikkonkludi l-gbir tal-provi ta' l-attur, sakemm, fis-seduta tal-21 ta' April, 1997, informa lill-Qroti li ma kienx ghadu jokkupa dan l-inkarigu. Fis-seduta tal-4 ta' Gunju, 1993 gie nomiant Dr. Mrco Grixti bhal perit legali.

Fit-28 ta' Frar, 1996 din il-Qorti, diversament preseduta, giet infurmata li l-provi jew konkjuzi u l-kawza giet differita ghat-3 ta' Lulju 1996 quddiem din il-Qorti kif preseduta ghar-relazzjoni tal-perit legali. Effettivament ir-rapport gie mahluf fit-3 ta' Frar, 1997 u l-kawza giet differita ghall-10 ta' Marzu, 1997 ghall-ezami tar-rapport. F'din id-data l-atturi talbu jeskutu l-perit legali u nghata differiment ghat-13 ta' Mejju, 1997 ghal dan l-iskop.

Il-perit legali kkonkluda r-relazzjoni tieghu b'dan il-mod:-

> "L-esponenti jissottometti illi l-atturi ma gabu ebda prova konvincenti li twassal ghall-konkluzjoni illi Maria Cassar ma ffirmatx it-testment 'unica carta' tat-3 ta' Novembru, 1983 u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda".

In eskussjoni jispjega:

> "Pero', apparti minn hekk, Sur Imhallef, fuq dak li staqsiet fuq il-konkluzzjonijiet, jiena deherli li mill-provi li hemm, minn dak li xehed in-nutar u minn dak li xehdu fuq it-testment ix-xhieda, jiena, lili, pjuttost ikkonvincieni li t-testatrici kienet min iffirma."

L-atturi talbu, u gie lilhom koncess, il-fakolta' li jaghmlu nota ta' kritika li saret fit-13 ta' Gunju 997. Dr. Mario Demarco, ghal-konvenuti invece, ittratta l-kawza verbalment fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 1997.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa ix-xhieda moghtija, ir-rapport peritali u t-trattazzjoni in iskritt u verbali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi jiswa ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza illi jigi kkwotat l-ahhar paragrafu tan-nota ta' kritika attrici:

> "Mill-assjem tal-provi jirrizulta fuq bazi ta' probabbilita' li Maria Cassar ma ffirmatx it-testment in kwistjoni izda dan gie ffirmat minn Martha Galea u din l-Onorabbli Qorti qeghda tigi umilment mitluba tannulla l-imsemmi testment. Ukoll, it-testment in kwistjoni huwa null ghax ma gietx segwita l-procedura rikjesta u n-Nutar ma vverifikax l-identita' ta' Maria Cassar izda nizzel biss in-numru li gie moghti u dan imur kontra d-disposizzjoni tal-artikoli 655 u 672 tal-Kodici Civili u 28 tal-Kap 55. Ukoll l-isem tat-triq ta' fejn sar it-testment ma giex imnizzel".

Din il-kritika hija wahda sew fattwali sew legali.

Dwar il-fatti, l-Qorti ma tistax taqbel ma' din l-asserzjoni tal-atturi. Il-prova illi t-testment ma giex iffirmat minn Maria Cassar kellha ssir minnhom. Din il-prova zgur li ma saritx, kif lanqas zgur ma saritx il-prova li t-testment invece gie firmat minn Martha Galea. L-unika prova li saret mill-atturi kienet li n-numru tal-karta ta' identita' fuq it-testment seta' ma kienx ta' Maria Cassar. Jirrizulta illi din Maria Cassar inghatat karta ta' identita' provvizjonali sakemm ma nharget dik gdida. Fid-data tat-testment u cioe fl-1983 hija ma kienitx ghadha applikat ghal karta ta' identita' gdida (xhieda ta' P.S. 528 Francis Abela) u allura seta' gara facilment li n-numru antik taghha kien verament dak imnizzel fit-testment u cioe' 137236. Seta' wkoll fehma hazin in-nutar jew nizzel hu stess numru iehor bi zball. F'dan l-istadju ta' fatt dan m'huwiex il-punt li huwa relevanti. Dak li huwa invece relevanti huwa li hawn ukoll kien jispetta lill-atturi li kienu qed jallegaw illi dak in-numru ma kienx ta' Maria Cassar biex dan jippruvawh. Din il-prova huma ma ghamluhiex u strahu minflok, sew fuq ix-xhieda li ressqu, sew fuq dak indikat fin-nota taghhom, li huma pjuttost stqarrijiet 'detto del detto', liema nota wkoll tikkontjeni asserzjonijiet li huma ferm dibattibbli. Jigi ripetut li l-oneru taghhom kien li jippruvaw dak li allegaw. Minkejja l-mewt ta' Maria Cassar il-prova tal-frma u n-numru tal-karta' tal-identita' l-antika taghha setghet saret minnu u ma saritx.

Kuntrarjament hemm ix-xhieda tan-Nutar Gambin. Huwa minnu illi ma kienx jaf lit-testaturi personalment u ma talabx biex jara l-karta ta' l-identita' ta' Maria Cassar, pero' d-deskrizzjoni tieghu m'hijiex inkomptibbli ma' dik tax-xhieda l-ohra. Invece hija kwazi ghal kollox inkompatibbli mal-persuna ta' Martha Galea – deskritta bhala 't-twila'. M'hux lanqas ikkontestat illi t-testatrici minkejja li kienet pupletika kellha l-possiblita' ta' moviment limitat, infatti diversi xhieda stqarru li kienet anke timxi sa hdejn il-bieb tad-dar fejn kienu jarawha. Bhala fatt irrizulta wkoll pruvat illi t-testment sar fid-dar fejn kienu jghixu t-testaturi, minkejja illi l-ndirizz komplet ma tnizzilx fuq it-testment fejn tnizzel biss in-numru 158 u l-lokalita' Gzira.

Pero' l-fatt l-aktar releventi f'din il-materja ghal din il-Qorti hija ix-xhieda ta' Carmelo Debattista, wiehed miz-zewg xhieda fuq it-testment. Dan kien jaf lit-testaturi sew minkejja li mhux b'isimhom. Huwa ddikjara illi Maria Cassar iffirmat it-testment quddiemu u li ma kien hemm haddiehor prezenti hlief ghan-nutar u z-zewg xhieda. Din il-Qorti ma tantx taghti importanza lid-dettal jekk Maria Cassar iffirmatx minn bil-qeghda jew qamitx biex tiffirma – kif xehdu b'mod differenti z-zewg xhieda tat-testment –

dettal dan li wiehed jista' facilment ikun nesieh mehud kont iz-zmien li ghadda mit-testment sal-gurnata tax-xhieda. Mhux hekk invece l-persuna tat-testatur rikonoxxuta minn persuna li kienet ilha tafha.

Ghal dawn ir-ragunijiet ta' fatt il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet irragunati mill-perit legali. Il-konkluzjonijiet legali tqajmu mill-atturi principalment wara li gie mahluf ir-rapport peritali. Fin-nota taghhom jaghmlu riferenza ghall-artiklu 655 u 672 tal-Kodici Civili, kapitolu 16 tal-Ligijiet u ghall-artikolu 28 tal-Kap 55 u dana, ovvjament b'riferenza ghall-fatt li f'dan il-kaz jistghu legalment igibu n-nullita' ta' dan it-testment. Dawn huma principalment, kif fuq intqal, in-nuqqas ta' accertament tat-testatrici Maria Cassar rizultanti mill-fatt li n-nutar ma rax fizikament il-karta tal-idenita' taghha u l-inkompletezza ta' l-indirizz.

L-artiklu 672 Kapitolu 16 jaghmel it-testment null jekk ma jkunux jezistu l-formalitajiet tal-artiklu 655. Is-sub-artiklu (1) ta' l-artiklu 655 hekk jipprovdi:

"Bla hsar ta' kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici it-testment pubbliku ghandu jircevieh u jippubblikah nutar, quddiem zewg xhieda, bhal kull att notarili iehor taht id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivju Notarili wkoll ghal dak li hi firma tat-testatur, skond jekk dan ikunx jaf u jistghax jikteb jew le".

Is-sub-artiklu (2) jehtieg il-firma tax-xhieda. Hlief ghar-riferenza ghall-Att Dwar il-Professjoni Notarili, li sejra ssir referenza ghaliha, din il-Qorti ma ssib xejn taht dan il-provvediment biex tannulla t-testment meritu ta' din il-kawza.

L-artiklu 28 tal-Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta – l-Att Dwar il-Professjoni Notarili u Arkivji Notarili – jispecifika fis-sub-artiklu (1) dak li kull att notarili (u ghalhekk ukoll testment) ghandu jkun fih. Fost dawn hemm in-numru tad-dokument ufficjai li ghandu jkun "prodott sabiex tigi zgurata l-identita' tal-partijiet" (sub-inciz (d)) u l-isem tad-dar jew post iehor fejn l-att jigi pubblikat (sub-inciz (j)). In-nuqqasijiet ta' dawn il-partikolaritajiet, pero', ma jgibx in-nullita' tal-att notarili skond l-artiklu 40 ta' l-istess Kap 55, izda biss "f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar artiklu qabel dan, l-att notarili ma jkunx null izda n-nutar li jikser id-disposizjonijiet tal-ligi jehel il-pieni minnha stabbiliti". (Din hija wkoll il-posizzjoni taht il-ligi Taljana. Ara per ezempju Corte di Cassazione n 2239 – 8.3.1979).

> Ghal dawn ir-ragunijiet ta' natura fattwali u ta' natura legali il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez tal-kawza kontra taghha."

Minn dik is-sentenza appellaw l-atturi kollha permezz ta' rikors ta' l-appell prezentat fl-20 ta' Lulju 1998 u li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza minnhom appellata billi tilqa' t-talbiet taghhom u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati.

L-appellati ma jidhrux li ghamlu risposta ta' l-appell, pero' fil-kors tat-trattazzjoni kienu rapprezentati minn Dr. Mario Demarco illi kkontesta ghan-nom taghhom l-appell interpost u ghamel is-sottomissjonijiet tieghu.

Fil-kors ta' dan l-appell kien hemm zewg eventi li xi ftit jew wisq ghandhom rilevanza ghall-fini ta' dan l-appell.

L-ewwel wiehed  minn dawn l-eventi kien jikkonsisti fuq il-prova li saret illi wara li l-atturi f'din il-kawza kienu qeghdin jallegaw illi Maria Cassar qatt ma kienet prezenti u qatt ma ghamlet u ffirmat it-testment li ser jissemma' aktar 'il quddiem u li jitratta s-sentenza appellata,  huma institwew proceduri ohra li ghadhom pendenti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo fejn invece jallegaw illi Maria Cassar kienet giet sfurzata biex

taghmel it-testment de quo minn zewgha John Cassar permezz ta' minacci u vjolenza. Huma qeghdin jirreferu ghac-citazzjoni bin-numru 1318/99 li kopja taghha giet esebita fl-atti ta' dan l-appell u li effettivament veru tindika bhala premessi s-segwenti:-

> "U peress li l-imsemmija Maria Cassar kienet sfurzata li taghmel dan it-testment minn zewgha John Cassar permezz ta' minacci, qerq, u vjolenza;
>
> U peress illi t-testatrici Maria Cassar giet ukoll indotta taghmel l-imsemmi testemtn b'mezzi intizi sabiex irattbu jew ixejnu r-rezistenza taghha ghall-iffirmar ta' l-imsemmi testment, kif jigi pruvat ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;
>
> U peress illi l-imsemmija Maria Cassar kellha sahha prekarja tant li kienet marida u pupletka u ghalhekk lanqas kellha l-intellet necessarju sabiex tkun tista' tiddisponi minn gidha;
>
> U peress li l-atturi saru jafu bil-fatti ndikati, it-tielet, ir-raba' u l-hames premessi madwar xahrejn ilu;"

Illi certament dawn il-permessi jikkozzaw bis-shih mal-premessi bazi ta' l-istanza odjerna li effettivament huma fis-sens illi:-

> "U billi fit-testment indikat dehru bhala testaturi John Cassar u persuna ohra, Martha Galea, li qalet li kienet Maria Cassar;
>
> U billi n-Nutar gie ggannat b'mezzi li ma setghax jikkontrolla;

U billi l-firma fuq it-testment indikat mhux ta' Maria Cassar ……….”

Kemm il-prezentata tat-tieni istanza, cioe' dik pendenti quddiem il-Prim'Awla, tikkozza ma' dik attwali u kemm tippregudika, evidentement inhass mill-appellanti u effettivament b'nota pprezentata fil-5 ta' Gunju, 2001 Carmena Riolo, wahda mill-appellanti, irrinunzjat ghall-appell taghha, anzi cedietu, billi sostniet permezz tad-difensuri taghha illi hija qatt ma kienet trid illi isir dan l-appell.

Din il-Qorti tibda biex tghid li ma tiddubitax li Carmen Riolo verament f'Lulju ta' l-1998 ma rieditx tkun parti f'dan l-appell kif anqas ma tiddubita mill-affermazzjoni tad-difensur taghha li hija invece riedet tistitwixxi l-kawza l-ohra li ghaliha saret riferenza. Tifhem ukoll x'effett limitat il-fatt li llum qeghdha tirtira minn dan l-appell taghha jista' jkun fir-rigward ta' l-appell tal-kumplament ta' l-appellanti li invece ma ghamlux bhala u ma cedewx l-appell odjern. Pero', huwa fatt illi m'hiex Carmen Riolo biss li istitwiet il-kawza l-ohra imma anke Spiridiona u Maria Stella ahwa Riolo u Josephine Spiteri nee' Riolo.

Fil-kawza odjerna l-attrici originali kienet Bernadina Riolo li, pero', mietet fil-mori tal-kawza, tista' tghid fil-bidu taghha, cioe' fl-1989, u Spiridiona, Carmena u Maria Stella ahwa Riolo u Josephine nee' Riolo armla ta' Carmelo Spiteri assumew l-atti minflokha. Mela assumew l-

atti fil-parametri legali taghhom cioe' bl-azzjoni kif inhi bazata fuq il-premessa principali li n-Nutar Gambin gie kompletament ingannat bil-prezentazzjoni ta' persuna ohra li ma hijiex Maria Cassar li ppretendiet li hija Maria Cassar u li ffirmat falzament bhala Maria Cassar u tat konnotati ta' identita' foloz. Huwa ovvju illi dawn il-premessi li ghadhom vigenti sal-lum u huma l-bazi ta' l-azzjoni attrici ma jinbidlux bir-rinunzja ta' l-appell da parti ta' Carmela Riolo u l-ezistenza tat-tieni kawza, ghalhekk, hija pregudizzjevoli fir-rigward ta' l-appellanti l-ohra odjerni li ma rrinunzjawx ghall-appell cioe' ghal Spiridiona, Maria Stella ahwa Riolo u Josephine nee' Riolo armla ta' Carmelo Spiteri. Certament, dan il-fatt u din il-kontradittorjeta' konsistenti f'bazijiet konfliggenti fuq l-istess testment f'zewg azzjonijiet differenti fejn l-atturi huma l-istess, ghandu jhalli l-konsegwenzi tieghu. Pero', hemm aktar minn hekk. Infatti din il-Qorti sejra, brevement, filwaqt li taghmel riferenza ghad-diversi punti mill-aggravji ta' l-appell tghid ghaliex hija taqbel perfettament mad-decizjoni raggunta mill-Ewwel Qorti u ghala ghalhekk l-appell ghandu jigi respint.

Fl-ewwel lok, l-appellanti jissottomettu illi huma ma jaqblux li l-Ewwel Qorti kellha toqghod fuq ir-rapport peritali peress illi skond huma kien irnexxilhom jippruvaw fuq bilanc ta' probabbilita' illi Maria Cassar ma ffirmatx it-testment in kwistjoni. Minn hawn 'il quddiem huma jissottomettu kemm fir-rikors ta' l-appell, kif ukoll fit-trattazzjoni dettaljati li ghamel l-abbli difensur taghhom, elenku ta' cirkostanzi li a bazi

taghhom huma jissottomettu illi ghamlu l-prova li Maria Cassar ma ffirmatx it-testment in kwistjoni.

Hawn jigi rilevat mill-ewwel li l-allegazzjoni taghhom ma hijiex biss li Maria Casar ma ffirmatx it-testment in kwistjoni imma li kien hemm l-impersonazzjoni taghha da parti ta' Martha Galea li invece kienet hi li ffirmat it-testment b'ignann, u certament ad insaputa ta' Maria Cassar, mart it-testatur l-iehor John Cassar. Fil-kors normali ta' l-affarijiet din il-Qorti kienet telenka dawn ic-cirkostanzi kollha u mbaghad jekk ikun hemm raguni valida tispjega ghaliex ghandhom l-importanza taghhom bhala bazi ghad-decizjoni jew ghall-konkluzjoni taghha li ma taqbilx jew li tiddeciedi altrimenti minn dak li tkun iddecidiet l-Ewwel Qorti. Pero' fil-kaz in disamina, minn ezami akkurat ta' l-atti processwali jidher illi ma hemmx assolutament lanqas l-icken hjiel ta' prova li xi persuna ohra setghet ipprezentat ruhha jew giet ipprezentata bhala Maria Cassar u li ffirmat falzament it-testment bhala Maria Cassar meta ma kenitx Maria Cassar. Hemm hafna spekulazzjonijiet, hemm hafna suspetti, hemm hafna kongetturi, bhal sensazzjoni ta' wiehed li jahseb illi kien hemm xi hadd mohbi wara l-purtiera, pero' kollox in arja, kollox immaginarju, xejn sostnut, xejn pruvat u din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq provi bhal dawn. L-atturi jippruvaw jikkritikaw lin-Nutar Gambin, jippruvaw jikkritikaw ix-xhieda ta' Carmelo Debattista, pero', in realta' minn dan kollu ma hemm xejn x'iwassal biex din il-Qorti jidhollha f'mohhha anke ghal mument wiehed biss, illi verament, seta' kien hemm l-ingann li qed

jigi allegat u li kienet persuna ohra u mhux Maria Cassar li dehret bhala Maria Cassar  fuq it-testment u ffirmatu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din hija  l-bazi tas-sentenza appellata kif ukoll l l-bazi ta' din is-sentenza.

L-appellanti imbaghad ghamlet sottomissjoni dwar l-allegata nullita' tat-testment indipendentement mill-kwistjoni ta' min verament deher u ma deherx fuq il-bazi l-ewwel li ma gietx prezentata il-karta ta' l-identita' ta' Maria Cassar u n-Nutar ma vverifikax l-identita' taghha u t-tieni fuq il-bazi li ma giex indikat fuq it-testment il-post cioe' l-lokal fejn gie pubblikat it-testment de quo.  Fit-trattazzjoni gie sottomess ukoll illi kellu jittiehed kaz u jittiehed kont mhux biss ta' l-artikolu 288 (1)(b) tal-Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta cioe', l-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili imma anki ta' l-artikoli 672 u 655 tal-Kodici Civili.  Dana peress illi fil-waqt illi ta' l-ewwel jirregola l-atti notarili kollha, dawn ta' l-ahhar jirregolaw il-pubblikazzjoni tat-testmenti.

Fir-rigward ta' l-artikolu 28 tal-Kap 55, dan jippreciza li kull att notarili, anki kull testment pubbliku, ghandu jkun fih n-numru tad-dokument ufficjali prodott sabiex tigi zgurata l-identita' tal-partijiet jew dikjarazzjoni li n-Nutar zgura ruhu minn dik l-identita' bil-mezz ta' fidem facientas.

L-artikolu 655 tal-Kodici Civili invece jippreciza li bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra ta' l-istess Kodici, t-testment pubbliku ghandu jircevih u jippubblikah nutar quddiem zewg xhieda bhala kull att notarili iehor taht id-disposizzjoni ta' l-att dwar il-professjoni notarili u l-arkivji notarili jigifieri l-Kap 55. It-tezi ta' l-appellanti hija n-nuqqas tal-produzzjoni tal-karta ta' l-identita' da parti ta' Maria Cassar jew ta' min ippersonaha, tannulla t-testment.

Il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi f'kull testment huwa obbligu impellenti u suprem ta' kull nutar illi jizgura ruhu mill-identita' tal-persuna, tat-testatur, pero', fil-kaz prezenti, fl-ewwel lok ma hemmx certezza li ma gietx prodotta l-karta ta' l-identita' ghalkemm jidher li hemm il-possibilita' li din ma gietx prodotta u t-tieni illi fl-1983, cioe' fid-data ta' meta sar it-testment, kif jirrizulta mix-xhieda ufficjali, Maria Cassar kien ghad ghandha identity card b'numru mill-antiki peress li kienet ghadha ma applikatx ghal identity card bis-sistema ta' enumerazzjoni gdida kif nafuha illum. Dana fil-fehma ta' l-Ewwel Qorti seta' wasal ghad-disgwid dwar in-numru ta' l-identita' taghha izda ma jwassalx ghall-konkluzjoni illi fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni tat-testment de quo ma kienx hemm l-accertazzjoni ta' l-identita'. Fir-rigward tan-nuqqas ta' indikazzjoni komplet tal-lokal fejn gie pubblikat it-testment sigriet, din il-Qorti ma ghandhiex x'izzid fuq dak illi qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Konsegwentement, din il-Qorti ma tarax illi hemm ragunijiet ohra fuq xhiex tista' takkolji l-appell ta' l-atturi anke jekk kellhom aggravji ohra

per ezempju dawk rigwardanti l-istat ta' sahha taghha, jekk kenitx f'kundizzjoni li tiffirma jew ma tiffirmax. Apparti l-element ta' kontradizzjoni bejn iz-zewg azzjonijiet cioe' dik tal-lum u l-ohra imsemmija li ghandu influwenza fuq il-validita' ta' dawn is-sottomissjonijiet, din il-Qorti ma tarax illi huma tali fi kwalunkwe kaz illi anke minimament jinducuha tahseb li hu l-kaz illi tvarja d-diskrezzjoni ezercitata tant tajjeb mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Ghalhekk sejra tghaddi biex tichad l-appell.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellanti.

Dep/Reg

cb